



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Jannar 2018  
(OR. en)

XT 21004/18

LIMITE

BXT 5

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jstabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017  
li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati  
mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq  
għal ftehim li jstabilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,  
flimkien mal-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida li jiddefinixxu l-qafas għal negozjati skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali li ser issegwi l-Unjoni matul in-negozjati.
- (2) Fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea (il-"Ftehim dwar il-ħruġ") u adotta direttivi għan-negozjar tiegħu.
- (3) Il-ftuħ tan-negozjati seħħ fid-19 ta' Ġunju 2017.
- (4) Fit-3 ta' Ottubru 2017, il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni dwar l-istat tal-proċedimenti tan-negozjati mar-Renju Unit.
- (5) Wara li nnota l-progress li sar sa dakinhar, fl-20 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill Ewropew appella biex tissokta l-ħidma bil-ħsieb tal-konsolidazzjoni tal-konverġenza miksuba u t-tkomplija tan-negozjati sabiex tkun tista' tinbeda t-tieni fażi tan-negozjati malajr kemm jista' jkun. Il-Kunsill Ewropew b'hekk stieden lill-Kunsill flimkien man-negozjatur tal-Unjoni biex jibdew diskussjonijiet preparatorji interni, inkluż dwar arranġamenti tranżizzjonali possibbli.

- (6) Fit-8 ta' Diċembru 2017, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-istat tal-progress tan-negozjati mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni rakkomandat li l-Kunsill Ewropew jikkonkludi li kien sar biżżejjed progress fl-ewwel fażi tan-negozjati dwar il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni, li jippermetti li n-negozjati jipproċedu għat-tieni fażi tagħhom. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li lesta tibda minnufih il-ħidma dwar l-arranġamenti tranżizzjonali, jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi hekk.
- (7) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq ir-Rapport Konġunt tat-8 ta' Diċembru 2017 min-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern tar-Renju Unit dwar il-progress matul l-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE dwar il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.
- (8) Fit-13 ta' Diċembru 2017, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istat tal-proċedimenti tan-negozjati mar-Renju Unit.

- (9) Fil-linji gwida tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub fl-ewwel fażi tan-negozjati u ddeċieda li dan kien biżżejjed biex tinbeda t-tieni fażi relatata mat-tranżizzjoni u l-qafas għar-relazzjonijiet futuri. Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni bħala n-negozjatur tal-Unjoni u lir-Renju Unit biex ilestu l-ħidma dwar il-kwistjonijiet kollha tal-ħruġ, inklużi dawk li kienu għadhom mhux indirizzati fl-ewwel fażi, f'konformità mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017, u biex jikkonsolidaw ir-riżultati miksuba b'mod partikolari billi jabbozzaw il-partijiet rilevanti tal-Ftehim dwar il-ħruġ. Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta rakkomandazzjonijiet xierqa għal dak l-għan, u lill-Kunsill biex jadotta direttivi ta' negozjati addizzjonali dwar l-arranġamenti tranżizzjonali.
- (10) Għalhekk jenħteġ li d-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-Anness tad-Deċizzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017<sup>1</sup> ikunu ssupplimentati.

---

<sup>1</sup> Deċizzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim li jistipula l-arranġamenti dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea (XT 21016/17).

- (11) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 50 TUE japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (12) Skont l-Artikolu 50 TUE, il-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun qiegħed joħroġ m'għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill jew f'deċiżjonijiet li jkunu jikkonċernawh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni għandha tmexxi n-negozjati, f'isem l-Unjoni, għal ftehim mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jstabilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, filwaqt li jitqies il-qafas għar-relazzjonijiet futuri tiegħu mal-Unjoni, fid-dawl tal-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew u f'konformità mad-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017, kif issupplimentati bid-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---